**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-7 ta' Lulju 2016

Talba Numru: 132/16NHV

Numru fuq il-Lista: 12

**Montagno Logistics Ltd**
(C-57347)

**vs.**

**Muzzi Servizi Industriali SRL**

**It-Tribunal**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-8 t' April 2016, illi permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet mingħand is-soċjetà konvenuta il-ħlas tal-ammont ta' elfejn, ħames mija u ħamsa u ħamsin ewro (€2,555.00) rappreżentanti prezz ta' servizzi ta' ġarr ta' merkanzija da parti tal-istess soċjetà attriċi fuq inkarigu u struzzjonijiet tas-soċjetà intimata.

Minkejja interpellata diversi drabi sabiex tħallas dan l-ammont, anke permezz ta' ittra legali ddatata 1 ta' Marzu 2016, is-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti.

Ra illi s-soċjeta` konvenuta debitament notifikata, ma ppreżentatx ir-risposta tagħha fit-terminu impost mil-liġi, iżda fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2016, id-difensur tagħha qara u ppreżenta nota t'ammissjoni.

Ra l-verbal tat-23 ta' Ġunju 2016, fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Deċide**

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elfejn, ħames mija u ħamsa u ħamsin ewro (€2,555.00), flimkien mal-imgħax legali dekorribbli mill-15 ta' Settembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a karigu tas-soċjeta` konvenuta.
.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur